# Il-Kanonku Dun Ġwann Battista Borg

## *(1818 – 1885)*

## *F'għeluq il-130 sena minn mewtu (1885-2015)*

Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

Qabel ma nagħtu bidu għal dan l-artiklu, ġentilment miktub għalina għal darb oħra mis-Sur Winston L. Zammit, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja ta' dan il-ktieb tal-Festa ta' Santa Elena, u ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-istorja ta' Birkirkara u tan-nies tagħha, li s-Sur Zammit issa ilu sa mill-edizzjoni tas-sena 1975 jikkontribwixxi artikli ta' interess storiku u soċjali, dejjem interessanti u riċerkati kif għandu jkun. Jiġifieri 40 SENA.

Naħseb li f'isem il-Kapitlu Elenjan, il-Kumitat tal-festa u l-Kummissjoni li tieħu ħsieb il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb, kif ukoll f'isem il-qarrejja kollha tagħna, minn dawn l-istess paġni, nuru l-apprezzament sinċier tagħna u nirringrazzjaw għal dawn l-erbgħin sena ta' servizz u ko-operazzjoni, lis-Sur Winston L. Zammit, li għalkemm Slimiż, dejjem ħabb ukoll lil Birkirkara in ġenerali u lill-patruna tagħha Santa Elena b'mod partikulari, kif ukoll, bir-riċerka u l-kitbiet tiegħu, wera stima lejn il-Kolleġġjata u l-kolleġjali Elenjani ta' kull żmien.

**GRAZZI ĦAFNA**

Fost is-saċerdoti li wettqu l-ministeru pastorali fil-parroċċa ta' Birkirkara fis-seklu dsatax, insibu lill-Kanonku Dun Ġwann Battista Borg, li kien għamel din il-missjoni għal madwar 35 sena fil-parroċċa Elenjana.

Iben Baskal Borg u Grazzja, imwielda Camilleri, Ġwann Battista Borg kien twieled f'Birkirkara fil-15 ta' Jannar 1818 u ġie mgħammed fil-knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena fl-istess jum mill-Prepostu ta' dak iż-żmien, Franġisk Sammut.[1]

Wara li kien ordnat saċerdot, Dun Ġwann Battista beda jwettaq il-ministeru pastorali permezz tal-predikazzjoni u tal-qrar, fejn kien idum sigħat iqarar.[2] B'effett mis-6 t'Ottubru 1851, insibuh membru tal-Kapitlu Elenjan. Mil-lista tal-1870 tal-irġiel ikkunsidrati bħala li kellhom il-kwalifiki meħtieġa bil-liġi biex jivvutaw fl-elezzjoni għall-Membri tal-Kunsill tal-Gvern, nieħdu li l-Kanonku Borg kien joqgħod fi Triq Santu Rokku, dak iż-żmien fin-numru 92.[3]

---

[1] (A)rkivju (P)arrokkjali (Birkirkara) (S) (E)lena, *Liber Baptizatorum*.

[2] Malta *(C)orriere (M)ercantile (M)altese*, 26.v.1885 p. 2.

[3] Website: *Malta Family History* - lineone.net/~stephaniebidmead/second.htm (9.11.2014). Dak iż-żmien ftit kienu dawk li kien ikollhom id-dritt jivvutaw u din is-sena kienet aktarx l-ewwel darba li kienu qed jidhru n-numri tar-residenzi fil-lista tal-votanti. Minn dak iż-żmien dawn in-numri nbidlu diversi drabi (fosthom fis-snin sittin tas-seklu għoxrin kif ukoll fil-bidu tas-seklu li aħna fih).

**Viċi Parroku u Viċi Kurat**

B'effett mill-24 ta' Awwissu 1852, il-Kanonku Borg beda jaġixxi bħala wieħed mill-Viċi Parroċi tal-parroċċa Elenjana.[4] Baqa' jeżerċita dan l-uffiċċju għal kważi 33 sena. Fil-fatt insibu li għammed l-aħħar darba bħala Vici Parroku fis-17 ta' Marzu 1885,[5] jiġifieri xahrejn biss qabel miet.

F'Awwissu tal-1853, il-Prepositura tal-Kolleġġjata Elenjana sfat vakanti, meta l-Kan. Prepostu Dun Ġużepp Debono ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Katidral.[6] Wara din il-ħatra il-Kanonku Ġwann Battista Borg inħatar Vigarju Kurat u mexxa l-parroċċa elenjana sa Diċembru 1853 meta ħa l-pussess il-Prepostu l-ġdid, il-Kanonku Kalċidon Aġius.[7]

Fit-8 ta'April 1866, il-Kanonku Prepostu Dun Kalċ. Agius ħa l-pussess ta' Kanonku Penitenzier tal-Katidral.[8] Billi l-Prepositura reġgħet kienet vakanti, il-Kanonku dun Ġwann Battista Borg reġa' ġie maħtur Vigarju Kurat. Huwa għammed l-ewwel darba f'din il-kariga fit-8 ta' April 1866. Baqa' jamministra l-parroċċa sa Marzu 1867, meta ħa l-pussess il-Prepostu l-ġdid il-Kan. Dun Salvin Spiteri.[9] Fl-istess żmien li kien Vigarju Kurat kien inħatar mill-Kurja biex jamministra d-dħul tal-Prepositura.[10]

**Amministratur**

Iżda minbarra li kien Viċi Parroku, il-Kanonku Borg ta wkoll is-sehem tiegħu fl-amministzzjoni tal-parroċċa u għal 29 sena kien Amministratur tal-Mensa Kapitulari.[11] Fil-Viżta pastorali tal-Isqof Gaetano Pace Forno f'Diċembru 1858, Borg kien maħtur bħala wieħed mit-tliet prokuraturi tal-knisja, flimkien ma' Dun Ġużepp Mifsud u Dun Fortunatu Vella,[12] kariga li huwa żamm sal-1861.[13]



Fil-15 ta' Ottubru 1863 Dun Ġwann Battista ġie maħtur Prokuratur tal-knisja tal-Madonna tal-Ħerba[14] u ġie kkonfermat f'din il-kariga matul il-Viżta Pastorali li saret li saret f'Ottubru 1864.[15] Fil-fatt insibu li kien żamm din il-kariga sakemm miet.[16] Fil-5 ta' Diċembru 1863,

[4] APBSE Liber Defunctorum Vol IX.

[5] Malta CMM 26.V.1855 p.2, u tagħrif mgħoddi lili mill-Arkivju parrokkjali tal-parroċċa ta' S. Elena ta' Birkirkara minn Philip Xuereb 15,X.2014.

[6] *L'Ordine*, 26.VIII-1853.

[7] Tagħrif mgħoddi lili mis-Sur Philip Xuereb 15.X.2014 u *L'Ordine* 30.XII.1853.

[8] *L'Ordine* 13.IV.1866.

[9] APBSE Liber Baptizatorum XIV Frar 1860 sa Mejju 1869.

[10] A(rkivju N(azzjonali) M(alta) CSG/o4/38, Letter to Can. V. Galea, Vicar General 23.IV.1866.

[11] Malta CMM 26.V.1885 p.2.

[12] A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili), Viżta Pastorli Paċe Forno 1868, f. 146V.

[13] Ibid., Viżta Pastorali Pace Forno 1860-61, f. 119V.

[14] Ibid.' Atti Ċivili (1863-1878), f. 15V.

[15] Ibid., Viżta Pastorali Pace Forno 1863-64, f. 115V.

[16] Ibid., Atti Ċivili (1885-1889), f. 63V.

l-Isqof Pace Forno ħatru bħala Prokuratur tas-Sodalità tal-Agunija.[17]



Sena u nofs wara fid-9 ta' Ġunju 1865, l-istess Isqof ħatru Prokuratur tal-knisja ta' Santa Venera u tad-dar magħha kontigwa.[18]

Il-Kanonku Dun Ġwann Battista Borg, li għal aktar minn 34 sena ta s-servizz tiegħu fil-qasam pastorali fil-parroċċa ta' Birkirkara miet fl-20 ta' Mejju 1885, fl-età ta' 67 sena[19] b'fama ta' qdusija.

Patri Antonin Gatt O.P. (1848-1907) li kien minn Birkirkara, u li f'żogħżitu kien wieħed mill-kjeriċi fil-Kolleġġjata Elenjana, kien jaf sewwa lill-Kanonku Borg u kellu ħafna rispett lejh, kiteb il-biografija tiegħu.

Wara l-mewt tal-Kan. Ġwann Battista Borg, Patri Antonin kiteb Hekk:

Fil-ġabra tal-kunvent, jiena u nikber fis-snin żammejt dejjem quddiem għajnejja l-Kanonku pajżan tiegħi, u filwaqt li ħafna drabi kont naħseb fuq il-ħajja u l-ħidma tiegħu, kont nilmaħ fih dejjem aktar il-bniedem t'Alla, il-mera tas-saċerdot, u kont inħoss qalbi sewda meta niftakar li bniedem bħal dan ma kienx magħruf kif kien jistħoqqlu. Fil-kunventi ma jonqsux reliġjużi li huma xempju ta' qdusija, iżda jekk jien kont nixħet il-ħarsa tiegħi barra mill-kunvent, biex infittex bniedem ta' twemmin ħafna qawwi, il-Kanonku Dun Ġwann Battista minnufih kien jiġini quddiem għajnejja.[20]

[17] Ibid., Atti Ċivili (1863-1873), f. 19R.
[18] Ibid., f. 81R.
[19] APBSE, Liber defunctorum Vol IX.
[20] Patri Antonin Gatt O.P. *Pro Sacerdotibus Christi,* Awwissu-Settembru 1952 No. 28, pp. 1,23.

PHOTO IMAGES
ONE STOP PHOTOGRAPHIC OUTLET
M. 7970 4598
photoimages@maltanet.net

*Digital photo printing*
*Enlargments*
*Foamboard and lamintaion*
*Professional studio shoots*
*Outdoor photo shoots*
*Photographic equipment*
*Digital cameras*

*Old photo restoration*
*Transfer old videos to dvd*
*Frame making*
*Vast selection of frames*
*print on mugs,*
*lava, ceramic and plates*
*Color photo copy service*

*Add: Laurent Ropa Street, Birkirkara*
*Email: photoimages@maltanet.net Tel: 21491583, Mob: 79704598*